MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 61/2009

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sena 1994 hekk kif jndika l-Att taz-Zwieg hawn mehmuz u mmarkat Dok ‘SM1’;
2. Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew

wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;
3. Illi l-kontendenti sseparaw minn xulxin;
4. Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa ivvizzjat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi iddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;
2. Tordna li din in-nullita' tigi irregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qeghda tigi ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti kkuntrattat nhar it-23 ta' Ottubru tas-sena 1994, huwa wiehed validu u dana stante illi l-elementi kollha rikjesti mil-ligi huma kollha prezenti, u l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors guramentat mir-rikorrent huma kollha infondati u maghmula biss ghal skopijiet ulterjuri, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, f'kaz illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett, dan huwa biss minhabba ragunijiet li huma imputabbli unikament lill-attur rikorrent, u ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ghal dikjarazzjoni ta’ annullament ta’ zwieg peress illi, allegatament, il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi l-konvenuta tikkontendi illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa wiehed validu u jekk ghandu jigi dikjarat null u bla effett dan huwa biss minhabba ragunijiet imputtabbli unikament lill-attur u ghalhekk hija ma ghandhiex tbaghti spejjez f’din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur u qal illi minn meta iltaqa mal-konvenuta, wara ftit zmien, din bdiet tghidlu biex inehhi il-hbieb kollha li kellu minn hajtu u jehodha bis-serjeta u jizzewwigha. Hija kienet tistaqsih kontinwament id-data ta’ meta kienu ser jizzewgu.  Huwa kien jahdem bhala disc jockey fuq bazi parti time u kien jaghmel dan bhala hobby, izda il-konvenuta ipperswadietu sabiex ma jaghmilx aktar dan ix-xoghol u hu hekk ghamel biex jipprova izomm il-kwiet.  L-attur xehed illi wara ftit taz-zmien sar jaf li l-konvenuta kienet tilbes parrokka u hija qaltlu li dan kien gara peress illi meta kienet zghira missierha kien isawwat lil ommha, kienet hadet zokk, xaharha waqalha u qatt ma rega’ kiber. Huwa kien thassarha u ma riedx jitlaqha ghaliex ma riedx illi jibqa dan il-fatt fuq il-kuxjenza tieghu u ma tkellem xejn ma hadd dwar dan il-fatt.  L-attur kompla jixhed illi finalment kien qabel illi jizzewweg lill-konvenuta, minkejja

il-fatt illi l-hbieb tieghu kienu jghidulu biex ma jizzewwighiex minhabba kif kienu jarawha tittrattah u anke peress illi kienu jaraw illi l-attur u il-konvenuta kienu inkompatibbli. Kien ghalhekk illi l-attur tilef il-kuntatt kollu li kellu mal-hbieb tieghu. L-attur xehed illi illum jaf li ma kienx ihobb il-konvenuta, izda kien biss jithassarha. Hu kien jahseb illi meta tkun tohrog ma xi hadd u iddum zmien twil tohrog mieghu trid tizzewgu bil-fors u hekk ghamel u izzewweg fl-1994 meta kellu biss hamsa u ghoxrin (25) sena. Huwa kompla jixhed illi dakinhar tat-tieg ma kienx kuntent, izda haseb illi din kienet haga normali. Wara ic-celebrazzjonijiet haseb li kien ser ikollu x’jaqsam sesswalment mal-konvenuta ghall-ewwel darba, izda irnexxielu biss jikkunsma iz-zwieg tieghu wara tlett ijiem. Il-konvenuta qaltlu li kienet weggghet hafna u ma rieditx iktar ikollha x’taqsam mieghu u fil-fatt iz-zmien ghadda u qatt ma riedet ikollha x’taqsam aktar mieghu. Ftit zmien wara regghet taghtu qatgha kbira meta qaltlu illi kienet harget tqila. L-attur xehed illi hu ma kienx jahmel lit-tfal u qatt ma ried illi jkollu tfal. Ma dana kollu il-konvenuta verament kienet harget tqila u kellha it-tarbija. L-attur ma riedx jemmen li t-tarbija kienet tieghu u eziga li isiru it-testijiet tad-DNA u il-konvenuta aktar irrabjat ghalih. Il-konvenuta kienet tahdem, tigi mix-xoghol, taghmel ix-xoghol tad-dar, li ghaliha kien jigi l-ewwel, umbaghad tiehu hsieb lit-tifla illi kellhom u finalment kienet tiddedika xi ftit tal-hin ghalih. Ma dana kollu qatt ma riedet ikollha x’taqsam iktar mieghu u kienet tkellmu biss biex tgerger dwar kemm kellha x’taghmel. Hija ma kienitx tkun trid tohrog mieghu fejn kien ikun irid hu u kienet trid biss tmur il-festi tar-rahal u hu ma kienx imur maghha. L-attur xehed illi l-hin liberu tieghu kien iqattghu jara t-television u jiekol u qatt ma qal b’xejn lill-familjari tieghu u hbieb ma kellux. Huwa mill-ewwel ried jissepara, izda ghamel dan biss wara sebgha snin biex ma johloqx skandlu ghall-familjari tieghu. L-attur kompla jixhed illi l-konvenuta ma riditux jitlaqha u riedet tmur l-Appogg, izda hu kien deherlu illi messha hadet hsieb qabel u ghalhekk telaq mid-dar. Il-konvenuta bdiet issegwih u tara ma min qieghed johrog u meta saret taf li qieghed johrog ma haddiehor, qalet illi kien telaqha ghaliex kien sab lil haddiehor, izda l-attur qal illi huwa dejjem baqa fidil sa kemm telaq mid-dar. L-attur

kompla jixhed illi issepara minn mal-konvenuta fl-14 ta' Ottubru 2003. Huwa xehed illi meta jhares lura jinduna illi qatt ma habb lill-konvenuta u qatt ma ried jizzewwigha, jew ikollu tfal minghandha. Huwa sofra hafna fiz-zmien illi kien ghadu jghix mal-konvenuta, li qatt ma kien irid ikollha x'taqsam mieghu u qatt ma setgha izomm konversazzjoni maghha u qatt ma urietu li kienet thobbu u li tiehu hsiebu.

Illi xehdet il-konvenuta u qalet illi kienet hames snin akbar mill-konvenut, izda il-konvenut kien baqa jippersisti u jitlobha biex tohrog mieghu u, peress li kienet tarah nadif u ihobb li jkollu kollox ezatt u f'postu, kienet bdiet tohrog mieghu ghaliex kien jogghobha. Hija xehdet illi kienet tinduna illi l-attur kien egoist u kien mohhu biss biex imur id-diskoteki, mentri hi kienet mara tal-affari taghha, thobb l-indafa, tiehu hsieb id-dar u lit-tifla illi eventwalment kellha mal-attur. Il-konvenuta kompliet tixhed illi hija dejjem hadmet bhala warden il-habs u l-attur kien ikollu diversi jobs ghax kien ibiddel ix-xoghol ta' spiss. Hija qalet illi matul l-gherusija, hi u l-attur kienu kuntenti hafna, kienu iddecidew li jixtru post, l-attur kien jahdem fih, kienu jaghzlu l-affarijiet flimkien, ghazlu ic-curkett tal-engagement flimkien u ma kienux jaqblu biss fuq haga wahda, dwar il-fatt illi l-attur ried li jkollhom relazzjonijiet intimi ma xulxin fl-gherusija, izda hi ma rieditx qabel ma tkun mizzewga. Il-konvenuta xehdet illi l-attur ma kellux hbieb u hi kienet tipprova tlaqqghu ma xi habib minn taghha. Hija qalet ukoll illi kien jghir ghaliha u li darba minnhom flok baqa sejjer id-dar wara li kienu hargu flimkien, kien baqa sejjer jiehu xi pizza minghajr ma kien qalilha u kienu iggieldu dwar dan. Il-konvenuta kompliet tixhed illi meta ghamlu il-kors ta' Kana, l-attur kien qal illi ma ridhiex tkompli tahdem sentejn wara iz-zwieg sabiex tkun tista toqghod mat-tfal u hi xtaqet tibqa tahdem peress illi l-attur qatt ma kellu job stabbli. Il-konvenuta kompliet tixhed illi dakinhar tat-tieg kemm hi, kif ukoll l-attur kienu ferhanin hafna. Hi izzewgitu ghaliex kienet thobbu u kienet tarah jirrispettaha. Dwar it-tieg kienu iddecidew kollox flimkien. Kienu iddecidew illi jkollhom it-tfal u effettivament kellhom tifla. Hija xehdet illi anke ta' tmien xhur tqala kienet tmur discos mal-attur ghaliex hekk kien

jiehu pjacir jaghmel u anke xahrejn wara li kellhom it-tifla kienu regghu marru disco flimkien.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami l-attur xehed illi gieli kellu x'jaqsam sesswalment mal-konvenuta wara iz-zwieg, izda l-unika darba li kien hemm penetrazzjoni kien meta il-konvenuta harget tqila. Huwa ammetta ukoll illi kien qal lill-konvenuta illi xtaq it-tfal u meta sar jaf illi hi kienet harget tqila, ir-reazzjoni tieghu kienet wahda bejn ta' pjacir u bejn le.

Illi meta l-attur rega xehed il-Qorti waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, huwa rega afferma illi ma riedx tfal u illi kien qal b'dan lill-konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel kawzali illi isemmi l-attur il-ghaliex iz-zwieg tieghu ghandu jigi dikjarat null hija dak ikkontemplata fl-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. (Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta' Novembru, 1995.)
Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta' immaturita, izda in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi appezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra, dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi in oltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni ta' l-ulied.

*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.
Ikkunsidrat :

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-attur ma kienx jaf verament xi iffisser zwieg bl-obbligazzjonijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga fil-kumplessita taghhom. Huwa kien aktar mohhu biex imur id-discos, mentri il-konvenuta kien mohhha biex toqghod id-dar u tnaddaf u issajjar u tmur ix-xoghol. L-attur kien ibbiddel ix-xoghol tieghu ta' spiss, fattur illi jindika l-immaturita tieghu.

Illi da parti taghha il-konvenuta ma qdietx l-obbligazzjoni taghha fir-rigward tal-att taz-zwieg, element essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi minkejja illi l-attur biddel xi ftit il-verzjoni tieghu, meta l-ewwel qal illi kellu x'jaqsam mal-konvenuta darba wahda biss u cioe' meta harget tqila u sussegwentement xehed illi kellu x'jaqsam maghha drabi ohrajn, izda qatt ma kien hemm 'penetration'. Ma dana kollu mill-istampa kollha johrog illi l-konvenuta ma kienitx interessata fl-aspett sesswali tal-hajja mizzewga u ghalhekk il-kunsens taghha kien ukoll vizjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-obbligi essenzjali taz-zwieg u tal-hajja mizzewga.

Illi dwar l-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u imhabba bhala l-espressjoni tal-ghaqda bejn ragel u mara mizzewga, jidher illi iz-zewg partijiet ma kienux kapaci jaqdu din l-obbligazzjoni. L-attur kien aktar mohhu biex johrog u jiddeverti, mentri il-konvenuta kien mohhha biex tahdem, tnaddaf u issajjar u tiehu hsieb it-tarbija, izda mhux sabiex tibni komunita ta' hajja u imhabba ma zewgha.

Illi dwar it-tfal, minkejja il-fatt illi l-attur biddel il-verzjoni tieghu, mill-istampa totali tal-provi kollha migbura irrizulta

illi l-attur ma tantx kien interessat illi ikollu tfal u illi hareg lill-konvenuta tqila bi zball u ghalhekk l-obbligazzjoni tat-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied kienet nieqsa da parti tal-attur, kif ukoll da parti tal-konvenuta illi kienet riluttanti ferm illi jkollha x'taqsam sesswalment mal-attur.

Illi una volta illi giet ippruvata din il-kawzali, il-Qorti ma thossx illi hemm ghalfejn tara jekk dan iz-zwieg kienx null ukoll ai termini tal-Artikolu 19 (1) paragrafu (f) tal-Kap. 255.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet kollha attrici, izda tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------